

32001R2025

17.10.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 274/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2025/2001

tas-16 ta' Ottubru 2001

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1663/95 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 li jirrigwarda l-proċedura tal-verifika tal-kontijiet tat-Taqsima Garanziji tal-FAEGG

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxil-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 (8), Artikolu 6 (2) u Artikolu 7 (5) tiegħu.

Billi:

- (1) L-Artikolu 9 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999 u l-Artikolu 2 (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2309/1999 tal-25 ta' Ottubru 1999 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) Nru 1663/95 rigward l-għamla u l-kontenut tat-tagħrif dwar il-kontabilità li l-Istati Membri jridu jżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-ghannejet tal-verifika tal-kontijiet tat-Taqsima Garanziji tal-FAEGG (²), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1863/20001 (³), jeħtieġ illi l-Istati Membri li jagħmlu t-tagħrif dwar il-kontijiet disponibbli lill-Kummissjoni fuq it-talba ta' din ta' l-aħħar. L-Artikolu 4 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/95 tas-7 ta' Lulju 1995 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 rigward il-proċedura dwar il-verifika tal-kontijiet tat-Taqsima Garanziji tal-FAEGG (⁴), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) 2245/1999 (⁵), għandu jiġi addattat għal dawn ir-regoli.
- (2) Il-ħtiġijiet sabiex jiġu rrappurtati l-ammonti li jridu jiġu rkuprati fid-dikjarazzjoni annwali skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) 1663/95, minn naħa l-waħda, u fil-kontijiet ta' kull xhar skond l-Artikolu 3 (6a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 296/96 tas-16 ta' Frar 1996 dwar l-informazzjoni li trid tiġi trażmessha mill-Istati Membri u l-prenotament tan-nefqa ffianzzjata mit-Taqsima Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) (⁶), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1934/2001 (⁷), minn naħa l-oħra, huma differenti. Dawn il-ħtiġijiet għandhom jiġi armonizzati billi jiġi emendat l-Artikolu 5 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1663/95 kif jixraq.
- (3) Skond l-Artikolu 5 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett skond il-politika komuni agrikola (⁸), kif emendat bir-Regolament

(¹) ĠU L 160, tas-26.9.1999, p. 103.

(²) ĠU L 295, tad-19.11.1999, p. 1.

(³) ĠU L 259, tas-27.9.2001, p. 1.

(⁴) ĠU L 158, tat-8.7.1995, p. 6.

(⁵) ĠU L 273, tat-23.10.1999, p. 5.

(⁶) ĠU L 39, tas-17.12.1996, p. 5.

(⁷) ĠU L 262, tat-2.10.2001, p. 8.

(⁸) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 113.

(KE) Nru 1244/20001 (⁹), l-Istati Membri jistgħu jużaw l-ammonti rrilaxxjati bit-tnaqqis jew il-kanċellamenti tal-ħlasijiet skond l-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament għal ċerti miżuri ġewwa l-qafas ta' l-ghajjnuna għall-iżvilupp rurali. L-ammonti hekk miżmuma mill-ħlasijiet ta' l-ghajjnuna jridu jiġu akkreditati lil kont speċifiku miftuħ għal kull aġenzija tal-ħlas jew lil kont speċifiku uniku miftuħ fil-livell ta' l-Istat Membri u maħsus esklusivament sabiex jiffinanzja l-appoġġ addizzjonal Komunitarju. Dan l-ammont għandu wkoll jagħmel parti mill-kontijiet annwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 4 (1) (a) ta' Regolament (KE) Nru 1663/95.

(4) Il-linji gwida dwar il-kriterja għall-akkreditazzjoni bħala aġenzija tal-ħlas rigward l-ipproċessar tal-pretensjonijiet permezz ta' sistema ta' kompjuters għandhom jiġu aġġornati fid-dawl ta' l-izvillippi fl-ipproċessar bil-komputer.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1663/95 huwa emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 2 (1), l-aħħar inċiż ta' l-ewwel subparagrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu huma mħassra.
- 2) Fl-Artikolu 2 (3), il-kliem "paragrafu 1" huma mibdula bil-kliem "Artikolu 4 (1)ċ ta' dan ir-Regolament".
- 3) It-test li ġej jiġi miżjud fit-tmien ta' Artikolu 4 (1):

"(c) reġistrazzjoni sħiħa tat-tagħrif kollu dwar il-kontabilità meħtieġa għal skopijiet statistiċi u ta' kontroll fl-għamla u fil-kontenut stabbilit fuq il-bażi ta' l-Artikolu 2 (3) ta' dan ir-Regolament."

(⁹) ĠU L 173, tas-27.6.2001, p. 1.

4) L-Artikolu 4(2) jiġi mibdul bit-test li ġej:

“2. Id-dokumenti u t-tagħrif dwar il-kontabilità referiti fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sa l-10 ta’ Frar tas-sena li tīgħi wara t-tmiem tas-sena finanzjarja li tinteressaha. Id-dokumenti referiti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu ferba’ kopji jew, alternattivament, fkopja waħda flimkien ma’ kopja elettronika.”

5) L-Artikolu 5(1) jiġi mibdul bit-test li ġej:

“1. Il-kontijiet referiti fl-Artikolu 4 (1) (a) għandhom jinkludu:

- (a) in-nefqa fil-qosor, oġġett b'sub-oġġett, ta’ l-estimi finanzjarji Komunitarji;
- (b) tabella tad-differenzi, oġġett b'sub-oġġett, bejn in-nefqa ddikjarata fid-dikjarazzjoni annwali u dik iddikjarata fid-dikjarazzjoni ta’ kull xahar għall-istess perjodu taż-żmien fid-dokument referit fl-Artikolu 3 (5) tar-Regolament (KE) Nru 296/96. Din għandha tkun akkumpanjata bi spjega dwar kull differenza skond is-sub-oġġett;
- (c) it-tabella, għat-tmiem tas-sena finanzjarja, referita fl-Artikolu 3 (6a) (a) tar-Regolament (KE) Nru 296/96;
- (d) sommarju tal-ħidmiet ta’ intervent u dikjarazzjoni rigward il-kwantità u l-lokalità tal-ħażniet fit-tmiem tas-sena finanzjarja;
- (e) konferma illi d-dettalji għal kull moviment tal-magażinaġġ ta’ intervent jiġi miżimum fil-fajljiet ta’ l-aġenzija tal-ħlas;
- (f) it-tabelli, għat-tmiem tas-sena finanzjarja, referiti fl-Artikolu 3 (6a) (b) tar-Regolament (KE) Nru 296/96.”

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta’ Ottubru 2001.

6) Il-punt 6(vi) ta’ l-Anness jiġi mibdul bit-test li ġej:

“Il-kunsidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà ta’ l-informazzjoni kollha bil-kompiuter għandhom jiġu żgurati b'meżżejj addattati għall-istruttura amministrativa, il-personal u l-ambjent teknoloġiku ta’ kull aġenzija tal-ħlas individwali. L-isforz finanzjarju u teknoloġiku għandu jkun fil-proporzjon tar-riskji attwali międrura.

Fkull sistema bil-kompiuter użata, għandhom ikunu fil-post proċeduri adegwati għal:

- (a) l-organizzazzjoni ġenerali, il-korp maniġerjali u l-verifika,
- (b) is-sigurtà fiżika,
- (c) is-sigurtà logika,
- (d) is-sistemi ta’ l-iżvilupp, il-programmazzjoni u l-manutenzjoni,
- (e) il-ħidmiet tar-rutina,
- (f) it-telekomunikazzjonijiet,
- (g) il-mikro-kompiuters,
- (h) il-pjanifikazzjoni ta’ kontinġenza,
- (i) il-kontrolli ta’ l-applikazzjoni.”

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba’ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni